# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Hamis 14 ta’ Gunju, 2001

**Numru : 17**
**Citaz. Numru : 679/01/RCP**

**Price Breakers Ltd**

**vs**

**Supermaster Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' elfejn disa' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm2977,64) rappresentanti diversi konsenji ta' merkanzija konsistenti f’detergenti gia' mibjugha mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u

b’hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Illi l-kumpanija konvenuta debitament interpellata baqghet inadempjenti.

L-istess kumpanija attrici talbet li l-kumpanija konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' elfejn disa' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm2977.64).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid kawtelatorju bin-numru 897/01 u bl-imghax kummercjali u rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta ingunti in subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Alan Vella ghan-nom tas-socjeta` attrici.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

2) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' elfejn disa' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm2977.64).

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid kawtelatorju bin-numru 897/01 u bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Gunju, 2001**